# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 431/2021 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**RB**

**Vs**

**WB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RB, datat 22 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet iżżewwġu fil-ħdax (11) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) (ċertifikat ta' żwieġ numru 2397/2016), liema ċertifikat taż-żwieġ hu hawn anness bħala Dok 'A';*
>
> *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana data is-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata wieħed u tletin (31) t'Awwissu elfejn u għoxrin (2020), liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok 'B';*
>
> *Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifla bl-isem ta' LB li twieldet f'X, liema ċertifikat tat-twelid huwa hawn anness bħala Dok 'C';*
>
> *Illi l-manteniment dovut lit-tifla minuri, dejjem ġie rrispetat;*

*Illi kwantu għall-manteniment lejn xulxin, ħadd minnhom ma għandu dan il-jedd, peress illi l-partijiet kienu gia' irrinunzjaw definittivament kif maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni anness ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mniżżla fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi qegħdin jiġu rrispettati miż-żewġ partijiet;*

*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok "C", jissodisfa il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, naqas milli jintavola r-risposta tieghu, u lanqas ma deher ghas-seduti mhejijja, ghaldaqstant huwa kontumaci (Vide fol 16);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art. 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan,  l-intimat baqa inadempjenti (vide fol 16);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RB xehdet** (vide Dok D, affidavit fol 11) illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2016, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni. Sostniet illi filfat dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Settembru 2020, fl-atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana. Iddikjarat ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment rigward il-minuri, waqt li l-partijiet kienu rrinunzjaw ghal manteniment versu xulxin. Ikkonfermat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li llum jghixu hajja separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 3666/2016 (Vide certifikat taz-zwieg fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Settembru 2020, fl-atti tan-Nutar Dr Luke Caruana (vide Dok B, kuntratt ta' separazzjoni, a fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi

dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti taghraf illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3666/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**